SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

8 ta' Mejju 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumatur – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Kuntratt ta' self ipotekarju indiċjat fuq munita barranija – Talba ġudizzjarja tal-konsumatur maħsuba sabiex tiġi ddikjarata n-nullità tal-kuntratt – Talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji li jikkonsistu fis-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt – Direttiva 2014/59/UE – Irkupru u riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Bank suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni – Artikolu 1(2) – Awtorizzazzjoni lill-Istati Membri sabiex jadottaw regoli iktar stretti minn dawk ta' din id-direttiva jew addizzjonali għalihom – Regola nazzjonali li timponi ċ-ċaħda tat-talbiet għal miżuri kawtelatorji diretti kontra istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni pendenti"

Fil-Kawża C-324/23 [Myszak] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ottubru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Mejju 2023, fil-proċedura

OF,

EI,

RI

vs

M.K., fil-kwalità ta' mandatarju stralċjarju ta' Getin Noble Bank S.A. fi stralċ,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, S. Rodin, O. Spineanu-Matei (Relatriċi), S. Gervasoni u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: M. Siekierzyńska, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal OF, EI u RI, minn W. Bochenek, P. Stalski u T. Zaremba, radcowie prawni,

– għal M.K., minn P. Cieślak u M. Pyziak-Waląg, adwokaci,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, M. Kozak, R. Stańczyk u B. Trocha, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn U. Małecka, P. Ondrůšek u D. Triantafyllou, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288), moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' effettività u ta' proporzjonalità, u flimkien mal-Artikolu 34(1)(b) u (g) u l-Artikolu 70(1) u (4) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, OF, EI u RI, u, min-naħa l-oħra, M.K., fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju stralċjarju ta' Getin Noble Bank S.A., attwalment fi stralċ, dwar it-talba għal miżuri kawtelatorji mressqa minn OF, EI u RI fil-kuntest ta' proċedura intiża għall-konstatazzjoni tan-nullità ta' kuntratt ta' self ipotekarju indiċjat fuq munita barranija kif ukoll għar-rimbors tas-somom imħallsa fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt li huma kkonkludew ma' Getin Noble Bank.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/13

3 L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

4 Skont l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

Id-Direttiva 2014/59

5 Skont il-premessi 5, 49 sa 51 u 131 tad-Direttiva 2014/59:

"(5) Huwa […] meħtieġ reġim sabiex l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'sett ta' għodod kredibbli sabiex jintervjenu b'mod bikri u malajr biżżejjed f'istituzzjoni mhux soda jew li qed tfalli sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi kritiċi tal-istituzzjoni, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' falliment ta' istituzzjoni fuq is-sistema ekonomika u finanzjarja. Ir-reġim għandu jiżgura li l-azzjonisti jġarrbu t-telf l-ewwel u li l-krediturijġarrbu t-telf wara l-azzjonisti bil-kondizzjoni li l-ebda kreditur ma jġarrab telf akbar minn dak li kien iġarrab kieku l-istituzzjoni tkun ġiet stralċjata skont proċeduri ta' insolvenza normali b'konformità mal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar kif speċifikat f'din id-Direttiva. […]

[…]

(49) Il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-azzjonisti u l-krediturigħandhom ikunu f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea]. L-għodod tar-riżoluzzjoni għandhom għalhekk jiġu applikati biss lil dawk l-istituzzjonijiet li jkunu qed ifallu jew probabbli li jfallu, u dan biss meta jkun neċessarju biex jintlaħaq l-għan tal-istabbiltà finanzjarja fl-interess ġenerali. Partikolarment, l-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati fejn l-istituzzjoni ma tistax tiġi stralċjata taħt proċeduri normali ta' insolvenza mingħajr ma tiġi distabbilizzata s-sistema finanzjarja u l-miżuri jkunu neċessarji sabiex jiġi żgurat trasferiment rapidu u l-kontinwazzjoni ta' funzjonijiet sistemikament importanti u fejn ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal kwalunkwe soluzzjoni privata alternattiva, inklużi kwalunkwe żieda fil-kapital mill-azzjonisti eżistenti jew minn kwalunkwe parti terza biżżejjed biex tiġi restawrata l-vijabbiltà sħiħa tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, fl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, għandhom jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità kif ukoll il-karatteristiċi distinti tal-forma ġuridika ta' istituzzjoni.

(50) Interferenza mad-drittijiet tas-sjieda ma għandhiex tkun sproporzjonata. […] Fil-każ ta' trasferiment parzjali ta' assi ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil xerrej privat jew bank tranżitorju, il-parti residwa tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni għandha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Sabiex jiġu protetti l-azzjonisti u l-krediturili jitħallew fil-proċeduri tal-istralċ tal-istituzzjoni, dawn għandhom ikunu intitolati jirċievu bi ħlas, jew kumpens, għall-pretensjonijiet tagħhom fil-proċeduri tal-istralċ mhux inqas minn dak li huwa stmat li kienu jirkupraw kieku l-istituzzjoni kollha ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza.

(51) Għall-iskop li jiġi protett id-dritt tal-azzjonisti u l-krediturigħandhom jiġu stabbiliti obbligi ċari fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u fejn meħtieġ skont din id-Direttiva l-valutazzjoni tat-trattament li kienu jirċievu l-azzjonisti u l-krediturikieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta'

insolvenza. […] Jekk ikun determinat li l-azzjonisti u l-krediturijkunu rċevew, fil-ħlas, jew kumpens, għall-pretensjonijiet tagħhom, l-ekwivalenti ta' inqas mill-ammont li kienu jirċievu taħt proċeduri normali ta' insolvenza, huma għandhom ikunu intitolati għal ħlas tad-differenza fejn meħtieġ skont din id-Direttiva. […]

[…]

(131) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċessi għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-effetti ta' falliment ta' kwalunkwe istituzzjoni fl-Unjoni [Ewropea] kollha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 [TUE] tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-objettivi."

6 Skont l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli li huma iktar stretti jew addizzjonali għal dawk stipulati f'din id-Direttiva u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' din id-Direttiva, sakemm dawn ikunu ta' applikazzjoni ġenerali u ma jmorrux kontra din id-Direttiva jew l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha."

7 L-Artikolu 34 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed skont il-prinċipji li ġejjin:

[…]

(b) il-krediturijtal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti skont l-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom taħt proċeduri normali ta' insolvenza, ħlief kif altrimenti previst espressament f'din id-Direttiva;

[…]

(g) l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar milli kien iġarrab kieku l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ġiet stralċjata taħt proċeduri ta' insolvenza normali f'konformità mas-salvagwardji fl-Artikoli 73 sa 75;

[…]"

8 L-Artikolu 37(6) tal-istess direttiva jipprovdi:

"Meta biss l-għodod ta' riżoluzzjoni [tal-bejgħ ta' operat tal-istituzzjoni jew ta' istituzzjoni tranżitorja] jintużaw, u jintużaw biex tiġi ttrasferita parti biss mill-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, tal-istituzzjoni jew entità residwa msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) minn fejn l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ġew ittrasferiti għandha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Tali stralċ għandu jsir fi żmien raġonevoli […]"

9 L-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Setgħa li jiġu ristretti l-interessi ta' titoli", jistipula, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jirrestrinġu lill-krediturі ipotekarji ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni milli jinfurzaw interessi ta' garanzija fir-rigward ta' kwalunkwe attivita' dik l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni mill-pubblikazzjoni ta' avviż tar-restrizzjoni skont l-Artikolu 83(4) sa nofsillejl fl-Istat Membru tal-awtorità ta riżoluzzjoni fejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fi tmiem il-ġurnata tan-negozju wara dik il-pubblikazzjoni.

[…]

4. Fl-eżerċizzju ta' setgħa fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu l-impatt li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji."

10 L-Artikolu 73 ta' din id-direttiva, intitolat "Trattament tal-azzjonisti u l-krediturі fil-każ ta' trasferimenti parzjali u l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna", isemmi, fil-punt (b) tiegħu, is-sitwazzjoni li fiha awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni tapplika l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna. Dan l-artikolu jipprevedi, fil-punt (a) tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi applikata għodda waħda jew aktar ta' riżoluzzjoni u, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 75:

(a) ħlief meta japplika l-punt (b), fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jittrasferixxu biss partijiet mid-drittijiet, l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-azzjonisti u dawk il-krediturі li l-pretensjonijiet tagħhom ma jkunux ġew ittrasferiti, jirċievu b'risarċiment għall-pretensjonijiet tagħhom mill-inqas kemm kieku kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza jew meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82 ittieħdet."

11 L-Artikolu 74 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Valwazzjoni tad-differenza fit-trattament", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk l-azzjonisiti u l-krediturі jkunux ħadu trattament aħjar kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni kienet daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza, inkluż iżda mhux limitat għall-finijiet tal-Artikolu 73, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valwazzjoni minn persuna indipendenti mill-aktar fis possibbli wara li titwettaq azzjoni jew azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Dik il-valwazzjoni għandha tkun distinta mill-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36.

2. Il-valwazzjoni fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina:

(a) it-trattament li l-azzjonisti u l-krediturі, jew l-iskemi rilvanti ta' garanzija ta' depożiti, kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82;

(b) it-trattament effettiv li l-azzjonisti u l-krediturі rċevew, fir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; u

(c) jekk hemmx xi differenza fit-trattament imsemmi fil-punt (a) u t-trattament imsemmi fil-punt (b).”

12 Skont l-Artikolu 75 tal-istess direttiva, intitolat “Salvagwardja tal-azzjonisti u l-krediturі”:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk il-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 74 tiddetermina li kwalunkwe azzjonista jew kreditur imsemmi fl-Artikolu 73 […] ikun ġarrab telf akbar milli kieku kien iġarrab fi stralċ taħt proċeduri normali ta’ insolvenza, huwa jkollu d-dritt għal pagament tad-differenza mill-arranġamenti tal-finanzjament ta’ riżoluzzjoni.”

Id-dritt Pollakk

Il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili

13 L-Artikolu 385[1] tal-ustawa Kodeks cywilny (il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili) tat-23 ta’ April 1964, fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2020, intestatura 1740), jistipula, fil-paragrafi 1 u 2:

“1. Il-klawżoli ta’ kuntratt konklużma’ konsumatur li jkunux ġew innegozjati b’mod individwali ma għandhomx jorbtu lill-konsumatur meta dawn jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi tiegħu b’mod li jmur kontra l-prattika tajba, u jippreġudikaw serjament l-interessi tiegħu (klawżola illegali). Din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-klawżoli li jiddefinixxu l-prestazzjonijiet prinċipali li għandhom jitwettqu mill-partijiet, inklużi dawk relatati mal-prezz jew mar-remunerazzjoni, sakemm dawn ikunu fformulati b’mod inekwivoku.

2. Jekk klawżola tal-kuntratt ma tkunx torbot lill-konsumatur fis-sens tal-paragrafu 1, il-partijiet jibqgħu marbuta bid-dispożizzjonijiet l-oħra tal-kuntratt.”

14 L-Artikolu 405 ta’ dan il-kodiċi jipprovdi:

“Kull persuna li, mingħajr bażi legali, tikseb vantaġġ pekunjarju għad-detriment ta’ persuna oħra hija meħtieġa tagħti lura dan il-vantaġġ *in natura* jew trodd lura l-valur tiegħu.”

15 Skont l-Artikolu 410(2) tal-imsemmi kodiċi:

“Prestazzjoni tkun indebita jekk il-persuna li twettaqha ma kellha l-ebda obbligu li twettaqha jew ma kellhiex obbligu li twettaqha fir-rigward tal-persuna li għaliha hija wettqitha, jew jekk il-bażi tal-prestazzjoni ma tkunx baqgħet teżisti jew jekk l-għan intiż mill-prestazzjoni ma nkisibx, jew jekk l-att legali li jeżiġi li l-prestazzjoni ma kienx validu u ma sarx validu mat-twettiq tal-prestazzjoni.”

Il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili

16 L-ustawa Kodeks postępowania cywilnego (il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili) tas-17 ta’ Novembru 1964, fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2021, intestatura 1805), tipprovdi, fl-Artikolu 189 tagħha:

“Rikorrent jista’ jressaq quddiem il-qorti talba għall-konstatazzjoni tal-eżistenza jew tan-nuqqas ta’ eżistenza ta’ relazzjoni ġuridika jew ta’ dritt, sakemm huwa jkollu interess leġittimu sabiex jaġixxi.”

17 L-Artikolu 730[1] ta' dan il-kodiċi jistipula:

"1. Kwalunkwe parti fil-proċeduri tista' titlob miżuri kawtelatorji, sakemm turi l-eżistenza *prima facie* tal-pretensjoni tagħha u tal-interess li titlob miżuri kawtelatorji.

2. L-interess sabiex issir talba għal miżuri kawtelatorji jkun jeżisti fejn l-assenza ta' miżuri kawtelatorji timpedixxi jew tostakola serjament l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li għandha tingħata fil-kawża jew timpedixxi jew tostakola serjament b'kull mod ieħor it-twettiq tal-għan tal-proċedura fil-kawża.

[…]

3. Fl-għażla tal-miżuri kawtelatorji, il-qorti għandha tqis l-interessi tal-partijiet fil-proċedura sabiex tiggarantixxi lill-benefiċjarju protezzjoni legali adegwata u ma timponix fuq id-debitur piż ikbar minn dak meħtieġ."

18 Skont l-Artikolu 731 tal-imsemmi kodiċi:

"Miżura kawtelatorja ma tistax tkun intiża sabiex tħallas il-pretensjoni, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor."

19 L-Artikolu 755 tal-istess kodiċi jipprevedi:

"1. Meta l-miżuri kawtelatorji ma jirrigwardawx pretensjonijiet pekunjarji, il-qorti għandha tordna miżuri kawtelatorji li hija tqis xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr ma teskludi l-miżuri kawtelatorji previsti għall-pretensjonijiet pekunjarji. B'mod partikolari, il-qorti tista':

1) tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet jew tal-parteċipanti fil-proċedura għat-tul ta' żmien tagħha;

[…]

2[1]. Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 731 ma għandhiex tapplika jekk il-miżura kawtelatorja tkun meħtieġa sabiex jiġu evitati danni imminenti jew konsegwenzi negattivi oħra għall-benefiċjarju.

[…]"

Il-Liġi dwar l-Insolvenza

20 L-ustawa Prawo upadłościowe (il-Liġi dwar l-Insolvenza) tat-28 ta' Frar 2003, fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2022, intestatura 1520), tipprevedi, fl-Artikolu 146 tagħha:

"1. Kwalunkwe proċedura ta' eżekuzzjoni fuq il-beni li jifformaw il-patrimonju tal-insolvenza li tkun infetħet qabel id-data tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza għandha tiġi sospiża *ipso jure* minn dik id-data. Din il-proċedura tiġi *ipso jure* suġġetta għal deċiżjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni wara li s-sentenza li tiddikjara l-insolvenza tkun saret *res judicata*. […]

2. Is-somom li jirriżultaw minn proċedura ta' eżekuzzjoni sospiża li jkunu għadhom ma tqassmux għandhom jiġu ttrasferiti lill-patrimonju tal-insolvenza wara li s-sentenza li tiddikjara l-insolvenza tkun saret *res judicata*.

[…]

3. Wara d-data tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza, ma jkunx iktar possibbli li titwettaq l-eżekuzzjoni forzata fuq il-beni li jifformaw il-patrimonju tal-insolvenza u lanqas li jiġu eżegwiti jew li jingħataw miżuri kawtelatorji fir-rigward tal-beni tal-persuna falluta, bl-eċċezzjoni ta' miżuri kawtelatorji fir-rigward ta' krediti ta' manteniment jew ta' krediti li jirriżultaw minn pensjoni ta' kumpens dovuta minħabba mard, inkapaċità għax-xogħol, diżabbiltà jew mewt, kif ukoll pensjonijiet minħabba l-konverżjoni f'vitalizju ta' kuntratt li permezz tiegħu x-xerrej ta' proprjetà immobbli jkun impenja ruħu lejn iċ-ċedent li jipprovdilu kura, manutenzjoni u akkomodazzjoni."

Il-liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja

21 L-ustawa o Bankowym Funduszu Gwarancyjnym, systemie gwarantowania depozytów oraz przymusowej restrukturyzacji (il-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja, is-Sistema ta' Garanzija għad-Depożiti u r-Riżoluzzjoni) tal-10 ta' Ġunju 2016, fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2022, intestatura 793, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja"), tipprovdi, fl-Artikolu 135(1) u (4) tagħha:

"1. Ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni f'kull proċedura ta' eżekuzzjoni jew intiża għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji fir-rigward tal-patrimonju ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni u li tkun intressqet qabel il-ftuħ tagħha.

[…]

4. Ebda proċedura ta' eżekuzzjoni jew intiża għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji ma tista' titressaq kontra istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni pendenti."

22 Skont l-Artikolu 142(1) ta' din il-liġi, il-Bankowy Fundusz Gwarancyjny (il-Fond ta' Garanzija Bankarja, il-Polonja), li huwa l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, jista' jissospendi d-dritt ta' infurzar ta' garanziji marbuta mal-assi ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni għal perijodu li ma jaqbiżx tmiem il-jum tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tal-avviż li jkun ħareġ dwar is-sospensjoni ta' dan id-dritt.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

23 Fl-2007, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, OF u l-ġenituri tiegħu, RI u EI, ikkonkludew, bħala konsumaturi, kuntratt ta' self ipotekarju għal perijodu ta' 360 xahar għall-ammont ta' 185 375.71 zlote Pollakki (PLN) (madwar EUR 43 000) ma' Getin Noble Bank. Dan il-kuntratt kien jipprevedi klawżola ta' konverżjoni għal franki Svizzeri (CHF) ta' dan l-ammont, bir-rata ta' xiri ta' din il-munita stabbilita minn dan il-bank, u rata ta' interessi varjabbli. Il-pagamenti mensili, ikkalkolati fi franki Svizzeri, kienu rimborsabbli fi zlote Pollakki bir-rata ta' bejgħ tal-frank Svizzeru, stabbilita wkoll unilateralment mill-imsemmi bank.

24 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew lis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), li hija l-qorti tar-rinviju, b'talba dwar il-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Prinċipalment, din it-talba hija intiża sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' dan il-kuntratt minħabba n-natura inġusta ta' whud mill-klawżoli tiegħu u, konsegwentement, sabiex Getin Noble Bank tiġi kkundannata għall-ħlas tal-ammonti ta' PLN 48 352.97 u ta' CHF 27 171.82 (jiġifieri, rispettivament, madwar EUR 11 300 u EUR 29 000), li jikkorrispondu għall-pagamenti mensili mħallsa fl-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt fid-data tat-tressiq tat-talba tagħhom, flimkien mal-interessi moratorji legali u l-ispejjeż. Sussidjarjament, l-imsemmija talba hija intiża sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta tal-klawżoli kkonċernati u sabiex tinkiseb l-invalidazzjoni tagħhom.

25 Fid-29 ta' Settembru 2022, filwaqt li t-talba inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet pendenti, il-Fond ta' Garanzija Bankarja, fil-kwalità tiegħu ta' awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, adotta deċiżjoni li tissuġġetta lil Getin Noble Bank għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Fl-ambitu ta' din il-proċedura, il-Fond ta' Garanzija Bankarja uża l-istrument ta' istituzzjoni tranżitorja, billi stabbilixxa bank, attwalment imsejjaħ VELO Bank S.A., li lilu ġew ittrasferiti kważi l-attiv, id-drittijiet u l-obbligi kollha ta' Getin Noble Bank. Din id-deċiżjoni kienet teskludi minn dan it-trasferiment id-drittijiet patrimonjali li jirriżultaw minn atti ta' fatt, minn atti legali jew minn ksur ta' regoli relatati mal-kuntratti ta' kreditu u ta' self iddenominati fi franki Svizzeri jew indiċjati fuq il-prezz tal-frank Svizzeru kif ukoll il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawn id-drittijiet patrimonjali, inklużi dawk li huma s-suġġett ta' proċeduri ċivili jew amministrattivi.

26 Wara din id-deċiżjoni tal-Fond ta' Garanzija Bankarja, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali bdew proċedura għal miżuri provviżorji kontra Getin Noble Bank quddiem il-qorti tar-rinviju, li fl-ambitu tagħha huma ressqu talba għal miżuri kawtelatorji dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-proċedura fil-mertu, intiża għas-sospensjoni tal-obbligu kuntrattwali tagħhom ta' ħlas tal-pagamenti mensili dovuti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali sal-għeluq definittiv ta' din il-proċedura tal-aħħar kif ukoll għall-projbizzjoni, għal Getin Noble Bank, li tieħu passi bl-għan tax-xoljiment ta' dan il-kuntratt u tal-pubblikazzjoni ta' avviż ta' nuqqas ta' rimbors tas-self ikkonċernat.

27 Il-qorti tar-rinviju tindika li, fuq tali talba għal miżuri kawtelatorji, il-qorti tiddeċiedi abbażi ta' evalwazzjoni *prima facie* tal-fondatezza tal-allegazzjonijiet tal-partijiet, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha miġbura fil-kawża fil-mertu. F'dan il-każ, dik il-qorti tqis li l-klawżoli tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali kkontestati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħu jiġu kklassifikati bħala inġusti u li dan il-kuntratt jista' ma jibqax fis-seħħ wara l-invalidazzjoni ta' dawn il-klawżoli.

28 Il-qorti tar-rinviju tqis konsegwentement li għandu jkun possibbli li tintlaqa' t-talba għal miżuri kawtelatorji li jikkonsistu b'mod partikolari fis-sospensjoni tal-obbligu tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jħallsu l-pagamenti mensili tas-self inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, hija għandha dubji dwar dan is-suġġett f'kuntest fejn il-bejjiegħ jew il-fornitur ikkonċernat huwa bank li huwa s-suġġett ta' proċedura ta' riżoluzzjoni prevista mid-Direttiva 2014/59.

29 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja, li jipprovdu li, meta bank ikun suġġett għal miżura ta' riżoluzzjoni, il-proċeduri pendenti intiżi għall-kisba ta' miżuri kawtelatorji li jikkonċernaw lil dan il-bank għandhom ikunu s-suġġett ta' nuqqas ta' lok li tingħata deċiżjoni u l-ftuħ ta' proċedura

ġdida intiża għall-kisba ta' tali miżuri huwa eskluż. Skont din il-qorti, dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu traspożizzjoni żbaljata, għaliex estensiva, tal-Artikolu 70(1) u (4) tad-Direttiva 2014/59.

30 Wara talba għal informazzjoni li saritilha mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rilevanza possibbli tal-Artikolu 142(1) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja bħala miżura ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 70(1) tad-Direttiva 2014/59, il-qorti tar-rinviju indikat, essenzjalment, li effettivament teżisti korrispondenza bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, iżda ż-żieda tal-Artikolu 135(1) u (4) ta' din il-liġi hija problematika, peress li dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar għandhom kamp ta' applikazzjoni ħafna iktar wiesa' mill-imsemmi Artikolu 70(1).

31 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja jċaħħadx lill-konsumaturi mill-protezzjoni prevista mid-Direttiva 93/13 u, minħabba f'hekk, imurx kontra l-prinċipji ta' effettività u ta' proporzjonalità. Fil-fatt, il-konsumaturi kkonċernati huma mċaħħda mill-possibbiltà li jiġu effettivament meħlusa mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt potenzjalment invalidu, minħabba l-klawżoli inġusti inklużi fih, tul iż-żmien tal-proċedura ġudizzjarja intiża sabiex tiġi rrikonoxxuta n-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli, filwaqt li huma suġġetti għar-riskju li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw sussegwentement mill-effett restitutorju li jirriżulta mill-konstatazzjoni li tista' ssir tal-imsemmija natura inġusta.

32 Dik il-qorti tenfasizza f'dan ir-rigward li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn eżekuzzjoni forzata kontra l-bank hija eskluża, l-uniku mezz effettiv sabiex jiġi implimentat dan l-effett restitutorju huwa tpaċija tal-krediti reċiproċi. Issa, fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' insolvenza tal-bank, il-kreditu tal-konsumatur fil-konfront tal-bank relatat mal-ħlas lura tas-somom imħallsa skont il-kuntratt ta' self lil hinn mill-kapital misluf ikun suġġett għall-istess trattament bħal dak tal-krediti tal-krediturі l-oħra, li jfisser fil-prattika li l-konsumatur ma jkunx jista' jirkupra l-kreditu tiegħu.

33 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-prinċipju msemmi fl-Artikolu 34(1)(g) tad-Direttiva 2014/59, li jipprovdi li l-proċeduri ta' riżoluzzjoni għandhom jitmexxew b'mod li l-krediturі ma jġarrbux telf ikbar minn dak imġarrab fl-ambitu ta' proċedura normali ta' insolvenza. Hija tindika li għandha dubju dwar jekk dan il-prinċipju jistax jiġi osservat jekk huwa pprojbit li titressaq talba għal miżuri kawtelatorji li jikkonsistu fis-sospensjoni tal-obbligu ta' ħlas tal-pagamenti mensili tar-rimbors ta' kreditu mogħti minn bank suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni konformement ma' kuntratt li l-validità tiegħu hija inkwistjoni.

34 Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tindika li t-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda parzjalment kreditu li hija tikklassifika bħala "mhux pekunjarju", sa fejn huwa intiż għall-konstatazzjoni tan-nullità tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u li, konformement mal-Artikolu 146(3) tal-Liġi dwar l-Insolvenza, fil-verżjoni tagħha applikabbli għal din il-kawża, l-għoti ta' miżuri kawtelatorji b'rabta ma' tali kreditu huwa possibbli minkejja l-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza, peress li, essenzjalment, tali miżuri ma jikkostitwixxux miżuri kawtelatorji fir-rigward tal-beni tal-persuna falluta, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fir-risposta tagħha għat-talba għal informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju indikat li t-talba għal miżuri kawtelatorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tkun ammissibbli li kieku tressqet wara d-dikjarazzjoni tal-falliment ta' Getin Noble Bank, li saret fil-frattemp, fl-20 ta' Lulju 2023.

35 Dan il-"kreditu mhux pekunjarju" għandu jinżamm distint mill-kreditu relatat mal-ħlas lura ta' benefiċċji indebiti li jirriżultaw mill-effett restitutorju marbut mal-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, li jkollu konsegwenzi patrimonjali għall-persuna falluta, b'tali mod li miżura kawtelatorja b'rabta ma' dan it-tieni kreditu ma tkunx prevedibbli.

36 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-każ ta' annullament tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-bank ikollu kreditu għar-rimbors tal-kapital misluf. Konsegwentement, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-obbligi tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jirriżultaw minn dan il-kuntratt qabel ma t-total tar-rimborsi tagħhom ikun laħaq somma li tikkorrispondi għal dan il-kapital tista' tmur kontra l-għan tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, peress li din tillimita jew iddewwem il-proċess ta' rkupru tal-krediti tal-bank ikkonċernat, li jfittex li jissodisfa krediturі oħra.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13], moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' effettività u ta' proporzjonalità kif ukoll l-Artikolu 34(1)(b) u (g), u l-Artikolu 70(1) u (4) tad-Direttiva [2014/59], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, li ma tippermettix li tilqa' talba għal miżuri provviżorji mressqa minn konsumatur kontra bank li jkun suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni bil-ħsieb li tinkiseb is-sospensjoni, sa tmiem il-proċeduri ġudizzjarji, tal-obbligu li jitħallsu l-pagamenti mensili, li jinkludu l-kapital u l-interessi, dovuti skont kuntratt ta' kreditu li probabbilment ser jiġi ddikjarat bħala null mill-qorti minħabba t-tneħħija tal-klawżoli inġusti li jinsabu fih, u dan għall-unika raġuni li dan il-bank huwa suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni?"

Fuq id-domanda preliminari

38 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni l-Artikolu 70(1) u (4) tad-Direttiva 2014/59 fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 mitluba minnha, minħabba li l-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja, li huwa identifikat fid-deċiżjoni tar-rinviju bħala l-"leġiżlazzjoni nazzjonali" msemmija fid-domanda preliminari, jikkostitwixxi t-traspożizzjoni ta' dan l-Artikolu 70(1) u (4).

39 Issa, dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, minn naħa, u tad-dritt Pollakk, min-naħa l-oħra, huma differenti fir-rigward tal-għan u l-portata tagħhom. Fil-fatt, filwaqt li l-Artikolu 70(1) u (4) tad-Direttiva 2014/59 jirrigwarda setgħa ta' restrizzjoni li awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandu jkollha fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' garanziji marbuta mal-assi ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni, u dan għal żmien qasir ħafna, l-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja jipprevedi, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, projbizzjoni imposta fuq il-qrati nazzjonali milli jsegwu kull proċedura ta' eżekuzzjoni jew intiża għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji li jirrigwardaw il-patrimonju ta' tali istituzzjoni sakemm din tkun suġġetta għal din il-proċedura.

40 Barra minn hekk, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 31 sa 35 tal-konklużjonijiet tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma humiex "krediturі ggarantiti" ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 70(1) tad-Direttiva 2014/59. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li huma partijiet kontraenti ta'

tali istituzzjoni li ħarrkuha sabiex tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza, minn naħa, ta' "kreditu" li jikkonsisti fl-annullament ta' kuntratt ta' self u, min-naħa l-oħra, ta' kreditu pekunjarju li jikkonsisti fil-ħlas lura tas-somom li tħallsu lilha fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt. Dawn l-allegati krediti ma huma akkumpanjati minn ebda "garanzija marbuta mal-assi tal-imsemmija istituzzjoni", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 70(1). Barra minn hekk, talba għal miżuri provviżorji intiża għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsistu, essenzjalment, fis-sospensjoni, matul il-proċedura fuq il-mertu, tal-obbligu li jitħallsu s-somom li għadhom dovuti fl-iskadenzi futuri previsti mill-imsemmi kuntratt, ma hijiex relatata ma' tali garanzija (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-20 ta' Frar 2024, Getin Noble Bank, C-34/23, EU:C:2024:203, punt 32).

41 Barra dan kollu, wara talba għal informazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju tidher li aċċettat li, kif sostnew il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/59 ġie traspost fid-dritt Pollakk permezz ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja, jiġifieri dawk tal-Artikolu 142 tagħha.

42 Fit-tieni lok, sa fejn il-qorti tar-rinviju tirreferi, fid-domanda preliminari, għall-prinċipju ta' effettività u għall-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi kkonstatat li hija ma tispjegax ir-raġuni għal dan f'dak li jirrigwarda dan it-tieni prinċipju. Issa, konformement mal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi l-espożizzjoni tar-raġunijiet li jkunu wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, u dan ir-rekwiżit japplika wkoll għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li dwarhom dik il-qorti tistaqsi fl-ambitu ta' tali talba.

43 Konsegwentement, għandu jitqies li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività kif ukoll flimkien mal-Artikolu 34(1)(b) u (g) tad-Direttiva 2014/59, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-qorti nazzjonali tiċħad talba għal miżuri kawtelatorji ta' konsumatur, intiża għas-sospensjoni tal-ħlas tal-pagamenti mensili dovuti minnu skont kuntratt ta' self li huwa jitlob l-annullament tiegħu minħabba klawżoli inġusti li dan jinkludi, fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva dwar din it-talba tal-aħħar, għas-sempliċi raġuni li l-bank li miegħu ġie konkluż dan il-kuntratt ikun suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2014/59, li fil-kuntest tagħha ntuża l-istrument tal-istituzzjoni tranżitorja permezz tal-kostituzzjoni ta' bank ieħor li lilu jkun ġie ttrasferit l-attiv, id-drittijiet u l-impenji essenzjali tal-bank suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, iżda mhux il-kuntratt ikkonċernat, li baqa' fil-patrimonju tal-istituzzjoni residwa, minkejja li tali miżuri kawtelatorji jkunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa ta' din id-deċiżjoni definittiva.

44 Qabelxejn, għandu jitfakkar li d-Direttiva 93/13 għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2018, Bankia, C-109/17, EU:C:2018:735, punt 36, kif ukoll tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan l-għan huwa konformi mar-rekwiżit li jirriżulta mill-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li fih innifsu jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-politika tal-Unjoni, u dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari

għall-implimentazzjoni ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, Novo Banco *et*, C-498/22 sa C-500/22, EU:C:2024:686, punt 137 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Għal dan il-għan, minn naħa, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu li l-klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma' konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur ma jorbtux lill-konsumatur.

46 Minn dan isegwi li l-qrati nazzjonali huma obbligati jeskludu l-applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli sabiex dawn ma jipproduċux effetti vinkolanti fil-konfront ta' konsumatur, ħlief fil-każ li dan tal-aħħar jopponi għal dan (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fil-każ ta' klawżoli inġusti li jimponu l-ħlas ta' somma flus, dan l-obbligu għandu, bħala prinċipju, effett restitutorju fir-rigward ta' din is-somma. Ir-rekwiżit li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li fiha l-konsumatur kien ikun fl-assenza ta' dawn il-klawżoli inġusti, b'mod partikolari billi jiġi stabbilit dritt għall-ħlas lura tal-vantaġġi miksuba indebitament minn bejjiegħ jew fornitur abbażi tal-imsemmija klawżoli inġusti, li għalhekk hemm lok li jiġi rrikonoxxut lill-konsumatur, jaqa' wkoll taħt is-sustanza tal-protezzjoni ggarantita lill-konsumaturi mid-Direttiva 93/13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, Profi Credit Bulgaria (Kumpens *ex officio* fil-każ ta' klawżola inġusta), C-170/21, EU:C:2022:518, punti 42 u 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, l-Istati Membri huma obbligati jimplimentaw mezzi li jkunu kemm adegwati u kif ukoll effettivi sabiex iwaqqfu l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn bejjiegħ jew fornitur.

49 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tiżgura lill-konsumaturi, l-Artikolu 6(1) tagħha għandu jitqies li huwa regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom, fi ħdan l-ordinament ġuridiku intern, il-grad ta' regoli ta' ordni pubbliku (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones, C-40/08, EU:C:2009:615, punt 52, u tas-17 ta' Mejju 2022, Unicaja Banco, C-869/19, EU:C:2022:397, punt 24). L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva huwa, hu wkoll, marbut direttament ma' dan l-interess pubbliku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et*, C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 56).

50 Billi d-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura possibbilment inġusta ta' klawżola kuntrattwali, dawn jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn josservaw il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mitmuma b'deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Skont il-prinċipju ta' effettività, il-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet maħsuba sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni ma għandhomx irendu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan il-prinċipju għandha tiġi eżaminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol tar-regoli kkonċernati fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tal-imsemmija proċedura u l-partikolarità ta' dawn ir-regoli,

quddiem id-diversi istanzi nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mitmuma b'deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punti 40 u 41, u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw l-effettività tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni jimplika, b'mod partikolari għad-drittijiet li joħorġu mid-Direttiva 93/13, rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li japplika, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ġudizzjarji bbażati fuq tali drittijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mitmuma b'deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għaldaqstant, għalkemm huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom il-modalitajiet li fl-ambitu tagħhom tiġi stabbilita l-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn bejjiegħ jew fornitur u jiġu mmaterjalizzati l-effetti legali konkreti ta' din il-konstatazzjoni, l-imsemmija konstatazzjoni għandha tippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li fiha l-konsumatur ikkonċernat kien ikun fl-assenza ta' din il-klawżola inġusta, jekk ikun il-każ permezz tar-rikonoxximent ta' dritt għall-ħlas lura tal-vantaġġi miksuba indebitament mill-bejjiegħ jew fornitur. Fil-fatt, tali regolamentazzjoni mid-dritt nazzjonali tal-protezzjoni żgurata lill-konsumaturi mid-Direttiva 93/13 ma tistax tippreġudika s-sustanza ta' din il-protezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li konsumatur jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jikseb is-sospensjoni ta' proċedura ta' eżekuzzjoni mibdija abbażi ta' titolu eżekuttiv ibbażat fuq klawżola kuntrattwali li l-validità tagħha hija kkontestata ġudizzjarjament minħabba n-natura inġusta tagħha jmur kontra l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, meta, fl-assenza ta' din is-sospensjoni, id-deċiżjoni li tingħata fil-mertu, li tikkonstata n-natura inġusta ta' din il-klawżola, tagħti biss lil dan il-konsumatur protezzjoni *a posteriori* purament kumpensatorja, li tkun inkompleta u insuffiċjenti, u, għaldaqstant, tikkostitwixxi mezz li la huwa adegwat u lanqas effikaċi sabiex jitwaqqaf l-użu tal-imsemmija klawżola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz, C-415/11, EU:C:2013:164, punt 60).

55 Konsegwentement, il-protezzjoni ggarantita lill-konsumaturi mid-Direttiva 93/13, b'mod partikolari fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 7(1) tagħha, teħtieġ li, meta jkun hemm indikazzjonijiet suffiċjenti tan-nullità tal-klawżoli kuntrattwali kkontestati mill-konsumatur, jekk mhux il-kuntratt stess, b'mod li r-rimbors tas-somom kollha jew parti minnhom imħallsa minn dan il-konsumatur ikun probabbli, il-qorti nazzjonali għandha tkun tista' tagħti miżura kawtelatorja xierqa, jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata f'dak li jirrigwarda n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz, C-415/11, EU:C:2013:164, punti 59, 60 u 64; tas-26 ta' Ġunju 2019, Addiko Bank, C-407/18, EU:C:2019:537, punti 57 u 58, kif ukoll tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punti 43 u 60).

56 L-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata fil-mertu timplika, b'mod partikolari, li jkun jista' jiġi evitat li l-konsumatur ikollu jħallas matul il-proċedura ġudizzjarja, li t-tul tagħha jista' jkun kunsiderevoli, somom ogħla minn dawk li fil-fatt ikunu dovuti jekk in-natura inġusta tal-klawżoli kkontestati kellha tiġi kkonstatata permezz ta' din id-deċiżjoni, b'tali mod li jista'

jkun neċessarju li jingħataw miżuri kawtelatorji f'każ bħal dan (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-26 ta' Ottubru 2016, Fernández Oliva *et*, C-568/14 sa C-570/14, EU:C:2016:828, punt 35, kif ukoll is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 42).

57 Barra minn hekk, in-neċessità li jingħataw miżuri kawtelatorji għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 59).

58 F'dan ir-rigward, fil-każ ta' kuntratt ta' self, il-possibbiltà għall-qrati nazzjonali li jagħtu tali miżura hija iktar u iktar neċessarja meta, fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, il-konsumatur ikun diġà ħallas jew ikun qiegħed jirriskja li jkollu jħallas lill-istituzzjoni ta' kreditu ammont ogħla mis-somma mislufa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' self), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 52 u 59).

59 Madankollu, kif indikat il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi rrilevat li l-eventwali konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali kkontestati mill-konsumatur ma timplikax it-tneħħija ta' kull kreditu min-naħa tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-konfront ta' dan il-konsumatur.

60 F'dan il-każ, id-domandi tal-qorti tar-rinviju jirrigwardaw essenzjalment il-fatt li d-dritt nazzjonali, b'mod partikolari l-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja, jeskludi kull possibbiltà ta' għoti ta' miżuri kawtelatorji meta l-bejjiegħ jew il-fornitur li jkun ikkonkluda ma' konsumatur kuntratt li l-validità tiegħu tkun ikkontestata quddiem qorti, ġustament skont evalwazzjoni *prima facie*, ikun istituzzjoni ta' kreditu suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni.

61 Fid-dawl tad-domanda kif magħmula minn dik il-qorti, għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk, meta istituzzjoni ta' kreditu tkun suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni li fil-kuntest tagħha jintuża l-istrument tal-istituzzjoni tranżitorja, permezz tal-kostituzzjoni ta' bank li lilu jkun ġie ttrasferit l-attiv, id-drittijiet u l-impenji essenzjali ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu, l-Artikolu 34(1)(b) u (g) tad-Direttiva 2014/59 għandux effett fuq il-possibbiltà li għandu jkollha l-qorti nazzjonali li tagħti l-miżuri kawtelatorji mitluba minn konsumatur sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata fir-rigward tan-natura inġusta allegata ta' klawżola ta' kuntratt li baqa' fil-patrimonju tal-istituzzjoni residwa.

62 L-Artikolu 34(1)(b) tad-Direttiva 2014/59 essenzjalment jistabbilixxi l-ordni li fih il-persuni kkonċernati mit-tnedija ta' proċedura ta' riżoluzzjoni jsostnu, bħala prinċipju, it-telf tal-istituzzjoni suġġetta għal din il-proċedura, jiġifieri l-azzjonisti, u sussegwentement il-krediturі ta' din l-istituzzjoni, dawn tal-aħħar skont l-ordni ta' prijorità tal-krediti tagħhom fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza, li, konformement mal-punt 47 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59, taqa' taħt id-dritt nazzjonali.

63 Dan l-Artikolu 34(1)(b) ma jinkludi ebda indikazzjoni dwar il-possibbiltà, għal konsumatur, li jikseb is-sospensjoni tal-obbligi tiegħu stess fir-rigward tal-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni.

64 Fir-rigward tal-Artikolu 34(1)(g) tad-Direttiva 2014/59, dan jistabbilixxi l-prinċipju li ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar minn dak li kien iġarrab li kieku l-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni kienet ġiet stralċjata skont proċedura normali ta' insolvenza, konformement mal-Artikoli 73 sa 75 ta' din id-direttiva.

65 Kif l-Avukata Ġenerali esponiet, essenzjalment, fil-punti 72 sa 74 tal-konklużjonijiet tagħha, il-fatt li din id-dispożizzjoni tirreferi espressament għall-Artikoli 73 sa 75 tad-Direttiva 2014/59 jimplika li din tirrigwarda miżura ta' salvagwardja li, ċertament, tibbenefika, fost oħrajn, lill-krediturі ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni, iżda li tapplika biss *a posteriori*. Fil-fatt, din il-miżura tippreżupponi l-paragun tat-telf li dawn il-krediturі effettivament sostnew fid-dawl tat-trattament reali tagħhom fl-ambitu tar-riżoluzzjoni ta' din l-istituzzjoni ma' dak li kienu jġarrbu li kieku l-imsemmija istituzzjoni kienet ġiet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi adottata miżura ta' riżoluzzjoni. Fil-każ li tal-ewwel ikun ogħla minn tat-tieni, l-imsemmija miżura tippermettilhom jiksbu l-ħlas tad-differenza mill-arranġament ta' finanzjament għar-riżoluzzjoni.

66 Għaldaqstant, il-"prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar", imsemmi fil-premessa 5 tad-Direttiva 2014/59, b'rabta mal-Artikolu 34(1)(g) tagħha, moqri flimkien mal-Artikoli 73 sa 75 ta' din id-direttiva, ma jikkonċernax il-possibbiltà ta' protezzjoni proċedurali marbuta mal-għoti ta' miżuri kawtelatorji, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-krediturі ta' istituzzjoni residwa fil-kuntest tal-proċedura ta' riżoluzzjoni. Għaldaqstant, dan l-Artikolu 34(1)(g) lanqas ma huwa rilevanti għar-risposta għad-domanda dwar jekk qorti nazzjonali għandux ikollha s-setgħa li tagħti miżuri kawtelatorji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

67 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 75 tal-konklużjonijiet tagħha, li ebda dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2014/59 ma tista' tikkonċerna tali protezzjoni, fl-assenza ta' dispożizzjoni speċifika dwar talbiet għal miżuri kawtelatorji mressqa minn krediturі ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni fil-konfront tagħha.

68 Minn dan isegwi li dispożizzjonijiet bħal dawk tal-Artikolu 135(1) u (4) tal-Liġi dwar il-Fond ta' Garanzija Bankarja jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2014/59, li jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli li huma iktar stretti jew addizzjonali għal dawk stabbiliti f'din id-direttiva u fl-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha.

69 Konformement ma' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, l-Istati Membri jistgħu jadottaw tali regoli bil-kundizzjoni li dawn ikunu ta' applikazzjoni ġenerali u ma jmorrux kontra d-Direttiva 2014/59 jew l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi vverifikat jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 93/13, f'kuntest bħal dak tal-kawża prinċipali, tistax tneħħi l-effett utli jew tostakola l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' riżoluzzjoni.

71 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li l-għanijiet li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja u finanzjarja u li jiġi evitat riskju sistemiku jikkostitwixxu għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Unjoni. Id-Direttiva 2014/59 tipprevedi għalhekk l-użu, f'kuntest ekonomiku eċċezzjonali, ta' proċedura li tista' taffettwa b'mod partikolari d-drittijiet tal-krediturі ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża ta' investiment, sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri, billi toħloq sistema ta' insolvenza li tidderoga mid-dritt komuni tal-proċeduri ta' insolvenza, li l-implimentazzjoni tagħha hija awtorizzata biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u għandha tkun iġġustifikata minn interess ġenerali superjuri. In-natura derogatorja ta' din is-sistema timplika li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni tista' tiġi

eskluża meta dawn tal-aħħar jistgħu jċaħħdu mill-effett utli jew jostakolaw l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' riżoluzzjoni (sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, Banco Santander (Riżoluzzjoni bankarja Banco Popular), C-410/20, EU:C:2022:351, punti 36 u 37).

72 B'dan premess, għandu jiġi rrilevat li, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-effett utli tal-proċedura ta' riżoluzzjoni ikun intlaħaq, bħala prinċipju, mill-mument li fih ikun intuża l-istrument tal-istituzzjoni tranżitorja, flimkien mat-trasferiment lil din tal-aħħar tal-attiv, tad-drittijiet u tal-impenji essenzjali tal-istituzzjoni suġġetta għal din il-proċedura, b'tali mod li l-inċidenti proċedurali li jseħħu fi proċeduri relatati mal-attiv li baqa' fil-patrimonju tal-istituzzjoni residwa ma jistgħux jippreġudikaw dan l-effett, u lanqas jostakolaw l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, minn dan il-mument, din l-istituzzjoni residwa tkun mistennija li tiġi stralċjata skont proċedura normali ta' insolvenza, skont l-Artikolu 37(6) tad-Direttiva 2014/59.

73 Iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali huma għalhekk differenti minn dawk meqjusa fis-sentenzi tal-5 ta' Mejju 2022, Banco Santander (Riżoluzzjoni bankarja Banco Popular) (C-410/20, EU:C:2022:351), u tal-5 ta' Settembru 2024, Novo Banco *et* (C-498/22 sa C-500/22, EU:C:2024:686), peress li l-kawżi li fil-kuntest tagħhom ngħataw dawn iż-żewġ sentenzi kienu jikkonċernaw entitajiet maħluqa wara t-tnedija tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, u mhux istituzzjoni residwa.

74 Barra minn hekk, skont l-evalwazzjoni *prima facie* tal-qorti tar-rinviju, kif tirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, l-għoti ta' miżuri kawtelatorji f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, intiżi sabiex jiġi evitat li jkomplu jsiru pagamenti abbażi ta' klawżoli kuntrattwali li n-natura inġusta tagħhom tirriżulta minn ġurisprudenza nazzjonali stabbilita sew, għandu l-effett li jipprekludi żieda fil-patrimonju tal-istabbiliment residwu biss sa ammonti indebiti, li, fil-prattika, il-konsumaturi jkunu obbligati jħallsu biss minħabba l-persistenza tal-proċedura li huma bdew fil-mertu. Fil-fatt, f'sitwazzjoni fejn, bħal f'dan il-każ, il-konsumatur ikun jidher li wettaq pagamenti għal ammont totali li jikkorrispondi b'mod approssimattiv għall-kapital misluf, huwa importanti li l-qorti nazzjonali tkun tista' tiddeċiedi li tissospendi l-obbligu ta' dan il-konsumatur li jħallas il-pagamenti mensili dovuti skont il-kuntratt ta' self li l-annullament tiegħu hija mfittxija, sabiex jiġi evitat li din l-istituzzjoni residwa tirċievi somom ogħla minn dawk li hija tkun tista' legalment tippretendi fil-każ ta' annullament ta' dan il-kuntratt.

75 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha premessi jirriżulta li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività u flimkien mad-Direttiva 2014/59, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-qorti nazzjonali tiċħad talba għal miżuri kawtelatorji ta' konsumatur, intiża għas-sospensjoni tal-ħlas tal-pagamenti mensili dovuti minnu skont kuntratt ta' self li huwa jitlob l-annullament tiegħu minħabba klawżoli inġusti li dan jinkludi, fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva dwar din it-talba tal-aħħar, għas-sempliċi raġuni li l-bank li miegħu jkun ġie konkluż dan il-kuntratt ikun suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2014/59, li fil-kuntest tagħha ntuża l-istrument tal-istituzzjoni tranżitorja permezz tal-kostituzzjoni ta' bank ieħor li lilu ġie ttrasferit l-attiv, id-drittijiet u l-impenji essenzjali tal-bank suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, iżda mhux il-kuntratt ikkonċernat, li baqa' fil-patrimonju tal-istituzzjoni residwa, minkejja li tali miżuri kawtelatorji jkunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa ta' din id-deċiżjoni definittiva. Fl-ambitu tal-eżami tan-neċessità tal-għoti ta' dawn il-miżuri kawtelatorji, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konsumatur ikun ħallas jew ikun qiegħed jirriskja li jħallas matul il-proċedura ġudizzjarja ammont ogħla minn dak li fil-fatt ikun dovut fil-każ li dan il-kuntratt jiġi annullat.

Fuq l-ispejjeż

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività u flimkien mad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-qorti nazzjonali tiċħad talba għal miżuri kawtelatorji ta' konsumatur, intiża għas-sospensjoni tal-ħlas tal-pagamenti mensili dovuti minnu skont kuntratt ta' self li huwa jitlob l-annullament tiegħu minħabba klawżoli inġusti li dan jinkludi, fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva dwar din it-talba tal-aħħar, għas-sempliċi raġuni li l-bank li miegħu jkun ġie konkluż dan il-kuntratt ikun suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2014/59, li fil-kuntest tagħha ntuża l-istrument tal-istituzzjoni tranżitorja permezz tal-kostituzzjoni ta' bank ieħor li lilu ġie ttrasferit l-attiv, id-drittijiet u l-impenji essenzjali tal-bank suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, iżda mhux il-kuntratt ikkonċernat, li baqa' fil-patrimonju tal-istituzzjoni residwa, minkejja li tali miżuri kawtelatorji jkunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa ta' din id-deċiżjoni definittiva. Fl-ambitu tal-eżami tan-neċessità tal-għoti ta' dawn il-miżuri kawtelatorji, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konsumatur ikun ħallas jew ikun qiegħed jirriskja li jħallas ammont ogħla minn dak fil-fatt dovut fil-każ li dan il-kuntratt jiġi annullat.

Firem